# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 20**

**Citaz. numru 297/97 AJM**

**Emanuel Schembri bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Thomas u Joan sive Jennie ahwa Cuschieri.**

**vs**

**Paul u Pauline konjugi Camilleri**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni fl-ismijiet premessi l-attur nomine, wara li ppremetta li permezz ta' cedola ta' rkupru u depozitu kontestwali tas-6 ta' Jannar 1997, huwa rkupra minghand il-konvenuti b'titolu successorju u anke ta' komproprejetarji d-dritt ta' proprjeta' ta' seba' dodicezmi (7/12) indivizi ta' bicca gardina fil-kuntrada tal-Mosta tal-kapacita' superficjali ta' hames mija u disa' u hamsin metri kwadri (559m$^2$) jew kejl iehor verjuri, konfinanti mill-lbic ma' beni taghhom stess, mill-lvant mal-gid tat-Tabib

Sammut Alessi u mix-xlokk mal-gid ta' l-eredi ta' Joseph Cuschieri jew irjieh verjuri ohra, liema proprjeta' kienu xtrawha mill-poteri ta' Joseph Aquilina bhala ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, amministratur tal-beni ta' l-entitajiet religjuzi Djocesani ta' Malta ghan-nom u interess tad-dar tal-Provvidenza Siggiewi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Francis Micallef tat-30 ta' Ottubru 1996 ; illi l-konvenuti minflok irrilaxxaw is-sehem imsemmi permezz ta' ittra ufficjali rrifjutaw li jaghmlu dan ; talab lill-Qorti ta' prim'istanza :-

(i) tikkundanna lill-konvenuti li fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-istess Qorti jirrilaxxaw u jirrivendu lill-attur nomine s-sehem mill-proprjeta' msemmija hekk irkuprata ;

(ii) jekk jghaddi inutilment l-istess zmien tiddikjara r-rilaxx u rivendizzjoni maghmula "ope sententiae" ;

(iii) tillikwida s-somma dovuta skond il-ligi ghall-ispejjez maghmula in okkazzjoni tax-xiri u li skond il-ligi hija rifondibbli lilhom (oltre l-ammont ga' depozitat) liema somma huwa ddikjara ruhu lest li jhallas jew jiddepozita ;

Bl-ispejjez tal-gudizzju kontra l-konvenuti.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew :-

(a) Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-atturi ma humiex eredi tal-mejta Angela Dimech u ghalhekk ic-cedola ta' depozitu ta' rkupru datata 6 ta' Jannar 1997, hija wkoll irrita u nulla peress li ai termini tal-Artikolu 912 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma l-eredi biss tal-istess wirt li jista' jkollhom dritt ta' rkupru. Illi dan jirrizulta mit-testment tal-istess Angela Dimech datat 31 ta' Ottubru 1989 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef.

(b) Illi di pju u bla pregudizzju t-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u kemm ic-citazzjoni attrici kif ukoll l-istess Cedola ta' rkupru numru 15/97 huma nulli u bla effett, stante li d-dritt ta' rkupru jezisti biss f'kaz ta' trasferiment ta' drittijiet testamentarji li mhux il-kaz odjern, kif jidher ampjament mill-kuntratt datat 30 ta' Ottubru 1996, fejn gew trasferiti biss drittijiet immobiljari u mhux porzjoni ta' 'eredita', u ghalhekk anke f'dan il-kaz l-Artikolu 912 pre-citat ma japplikax ghall-kaz odjern, kif di piu' l-istess atturi gew informati b'ittra ufficjali datata Jannar 1997.

(c) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-istess citazzjoni u cedola ta' rkupru huma irriti u nulli u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess, stante li l-istess kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1996 sar in ezekuzzjoni ta' konvenju maghmul bejn l-istess konvenut u Angela Dimech datat 5 ta' Marzu

1992 u redatt minn Nutar Francis Micallef u konsegwenti ghall-kawza ghall-ezekuzzjoni tal-istess konvenju fl-ismijiet Paul Camilleri vs Angela Dimech Citazzjoni Numru 724/92 GCD li giet transatta konsegwenti ghall-istess trasferiment fl-14 ta' Novembru 1996. Illi ghalhekk tali obbligu ta' trasferiment tad-decujus gie trasmess lill-istess eredi ndikati fit-testment u li l-atturi huma kompletament estranci ghall-istess. Illi dan kollu huwa addirittura ammess fit-2 paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici.

(d) Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox bla ebda bazi legali stante li minhabba l-premess huma qatt ma kellhom ebda dritt ta' rkupru peress li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-assi ereditarju ta' Angela Dimech kif fuq espost ; dan huwa kollu a konoxxenza ta' l-istess atturi li qabel il-kawza odjerna gja' ttentaw jixtru l-istess sehem ta' proprjeta' minghand id-Direttur tad-Dar tal-Provvidenza u minghand l-Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Djocesani ghan-nom u fl-interess tal-istess Dar tal-Provvidenza.

(e) L-intempestivita' tac-cedola ta' rkupru stante li ma gewx segwiti l-proceduri ad validitatem tal-Artikolu 912 (1) (2) (3) u (4) precitati.

(f) It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ma gewx depozitati l-ammonti rikjesti ai termini tal-Artikolu 912 bic-cedola ta' rkupru ndikata u dan huwa ammess fic-citazzjoni. L-ebda kawza ma tista' tirrimedja ghal tali nuqqas.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

3. B'sentenza taghha tad-9 ta' Lulju 1999 il-Qorti ta' Prim'istanza filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti laqghat l-ewwel talba attrici filwaqt li astjeniet milli tipprovdi fuq it-tieni u t-tielet talbiet attrici – bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u nterponew l-appell fuq l-aggravju segwenti :-

(i) Illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni guridika zbaljata kemm fil-fatti kif ukoll tal-ipotesijiet tal-ligi applikabbli ghall-kaz.

(ii) Il-kawza ticcentra fuq l-istatut tal-irkupru successorju regolat fil-ligi taghna fl-Artikolu 912 tal-Kodici Civili, liema dispost tal-ligi jistipula dan fis-subinciz (1) tieghu :-

> "Jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titolu oneruz, <u>il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt</u> lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta 'l ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jithallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dakinhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent."

(iii) Dan id-dispost tal-ligi (Artikolu 912) skond in-Noti ta' Sir Adriano Dingli, huwa modellat fuq il-Kodici Parmense, l-Kodici Sardo u l-Kodici

Franciz. Fejn tvarja l-ligi taghna minn dawn hi dik li meta l-ligi taghna titkellem fuq il-persuna li tista' tigi eskluza mid-divizjoni tqieghed il-kondizzjoni li dik il-persuna ma tkunx ko-eredi, mentri l-Kodici Franciz jghid : "non era successibile", u l-Kodici del Regno delle Due Sicilie jghid "che non abbua diritto a succerdegli" – "Marianna Debono – vs Av. Dr. Antonio Caruana et noe.", App. Civ. 23 ta' Frar 1940, a Vol. XXX p.I p.481.

(iv) Naturalment id-dispost tal-ligi suddett huwa eccezzjoni ghar-regola generali stabbilita fl-Artikolu 495 (2) tal-Kodici Civili li tghid li "kull komproprjetarju jista' jittrasferixxi, jcedi, jew jipoteka dan is-sehem kif irid, u jista' wkoll ……. iqieghed floku lil haddiehor fit-tgawdija ta' dak is-sehem, basta li ma jkunux jidhlu jeddijiet personali."

Jinghad difatti fid-decizjoni fl-ismijiet "Antonio Muscat ed altri – vs Can. Carmelo Sciberras ed altri" Qorti Kummerc, 19 ta' Jannar 1882, illi "sebbene la legge abbia stabbilito che ciascun consorte si ritrenza avere piena proprieta' delle sue quote, e dei relativi utili e frutti, permettendone l-alienazione, e la cessione, e l'ipoteca, tuttavia ha limitato l'effetto dell'alienazione e dell'ipoteca a quella porzione che venga a spettargli nella divisione. – Art. 191 del Ordinanza VII del 1868 – (illum Art. 495 (1 u 2) Kod. Civ) – Anzi, disponendo in modo equitativa, nel caso un coerede si volesse valere delle facolta' accordategli, ha fornito i mezzi di escludere i non eredi dalla divisione" – Art. 615 della detta Ordinanza (illum l-Art. 912 Kap. 16).

(v) In kwantu eccezzjoni ghar-regola affermata, d-dritt rizervat mil-ligi lill-ko-eredi hu "di stretta applicazione", kif hekk ritenut fid-decizjoni, wkoll citata mill-ewwel Qorti, fil-kawza fl-ismijiet "Mose' Calleja – vs – Nicola Bonnici" riportata a Vol. XXVI p. II p. 353).

Indubbjament din l-applikazzjoni stretta taghmel sens guridiku galadarba r-retratt successorju huwa deroga ghall-principju tad-dritt komun riferibilment ghall-liberta' tal-konvenzjonijiet.

(vi) Evidentement l-iskop tal-Art. 912 huwa dak li lil ko-eredi jinghata l-mezz li jeskudu lil barrani, cessjonarju ta' kwota ereditarja, milli jippartecipa maghhom fid-divizjoni tal-wirt u dan billi jizvestuh mid-drittijiet successorji minnu akkwistati u jiehdu postu fl-istess drittijiet.

(vii) Huwa intwittiv in bazi ghall-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu tal-ligi (Art. 912) illi r-retratt successorju huwa rizervat unikament ghall-kaz ta' cessjoni ta' kwota ereditarja u l-irkupru hu esercibbli fejn l-eredi jkun ceda u aljena d-dritt tieghu ghas-successjoni.

Difatti anke meta kien ghadu veljanti r-retratt legali gie rikonoxxut illi "e' principio universalmente riconosciuto, in materia di retratto legale, che le leggi, le consuetudini che lo permettono, essendo esse contrarie alla liberta' della disponibilita' dei beni, sono di stretta interpretazione". (Vol. XXV p.I p. 99).

(viii) Issa fil-kaz de quo jirrizulta illi l-ko-eredi Angela Dimech aljenat is-sehem taghha minn fond specifiku – l-gardina – li fi kliem l-ewwel Qorti "kienet tifforma parti minn assi ereditarju".

Mid-denunzja ta' Giuseppe Dimech (skond kopja nformi hawn annessa) ma jirrizultax, kontrarjament ghal dak sostenut, illi apparti dan il-fond, "jidher li ma kien hemm xejn aktar fl-assi ereditarju" tal-konjugi Dimech. F'kull kaz tali prova ma kienitx tinkombi fuq il-konvenuti, kif donnha ppretendiet l-ewwel Qorti, izda pjuttost fuq l-attur nomine li kellu l-oneru jipprova li bl-aljenazjoni maghmula l-imsemmija Angela Dimech effettivament iddisponiet mill-kwota ereditarja taghha jew, skond it-test tal-ligi, "“ill-jeddijiet taghha fuq il-wirt".

(ix) Ir-realta' tas-sustanza f'dan il-kaz hu dak li l-partijiet kontraenti kienu qeghdin jikkontemplaw semplici vendita ta' sehem indiviz ta' proprjeta' determinata u specifika. Ma jistax jinghad illi l-konvenuti kienu taht xi impressjoni li kienu qeghdin jakkwistaw xi kwota ereditarja integra, intiza din bhala porzjoni ta' unita' attiva u passiva li tikkomponi l-eredita' tad-decujus.

(x) Konsegwentement evalwati l-provi procedurali kollha u l-principji dottrinali u gurisprudenzjalment affermati ma jidhirx li dina l-Qorti ghandha tirriafferma l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti, u anzi, t-talba attrici ghandha tigi respinta.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju 1999, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-ATTUR GHALL-APPELL TAL-KONVENUTI U APPELL INCIDENTALI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 240 TAL-KODICI TAL-PROCEDURA CIVILI**

5. L-attur nomine wiegeb hekk :-

Illi preliminarjament l-appell tal-konvenuti hu null ghaliex ma jindikax x'inhija t-talba tieghu ai termini tal-artikolu 143 tal-Kodici tal-Procedura.

Illi fil-mertu salv dak li jintqal iktar 'il quddiem, is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Illi l-bazi tal-appell jidher li huwa li l-konvenuti ma akkwistawx kwota ereditarja izda kwota minn fond formanti parti minn assi ereditarja. Jidher mill-provi li l-fond kien ta' antenat komuni tal-partijiet u kwindi ma jidhirx li hemm kwistjoni dwar dan.

Qabel xejn l-esponent joggezzjona ghall-produzzjoni tad-denunzja tal-mejjet Giuseppe Dimech billi mhijiex kopja ufficjali u l-konvenuti ma esebuhix fis-smiegh tal-provi ; anzi l-appellat nomine kienu harrku bhala

xhud lir-rappresentant tal-Kummissarju tat-taxxi interni izda dan irrifjuta li jaghti l-informazzjoni mitluba minhabba l-obbligu tas-segretezza. Ghalhekk qed jitlob l-isfilz taghha.

Madankollu, hu x'inhu dan ma jbiddel xejn mis-sugu tal-problema u cioe' li l-esponenti qed jezercita d-dritt tal-irkupru ghaliex sar trasferiment ta' jedd fuq wirt kif jindika l-artikolu 912 citat mill-konvenuti. Wiehed ma jifhimx kif sehem minn fond immobbli (li certament hu l-uniku proprjeta' immobiljari tal-wirt in kwistjoni) ma ghandix tigi miftehma li hija *jedd fuq wirt*. Dan hu konferma ta' dak argumentat mill-konvenuti fil-paragrafu 10 tar-rikors tal-appell taghhom u cioe' l-eskluzjoni ta' estranji mill-qasma tal-proprjeta' – qasma li f'dan il-kaz ghadha ma saritx.

**<u>L-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTUR NOMINE</u>**

6. Illi l-appellat nomine qed jipprevalixxi ruhu mill-appell tal-konvenuti billi jipproponi appell incidentali ai termini tal-artikolu 240 tal-Kodici tal-Procedura u dan ghar-rigward tal-astensjoni tal-Qorti mill-tipprovdi fuq it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

Il-Qorti ddecidiet dan a bazi tal-fatt li ma ngabux provi fuq l-ispejjes li saru mill-konvenuti biex akkwistaw il-kwota indiviza tal-fond in kwistjoni.

Illi jinghad li l-Qorti ma interpretatx din il-parti tal-vertenza skond il-gurisprudenza prevalenti (apparti mill-fatt li dawn il-provi kellhom jitressqu mill-konvenut billi hu biss jaf x'ispejjez zborsa) ; infatti fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuele Mifsud Ellul vs Antonio Abela et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 1958 gie ritenut li :-

*Jekk ebda prova ma tkun saret dwar liema spejjez huma rimborzabbli lir-rettrattarju u dwar il-likwidazzjoni taghhom, jinghataw il-provvedimenti opportuni biex dan il-hlas isir qabel ir-rivendizzjoni u tal-izbank konsegwenzjali specjalment ghall-fini ta' kwalunkwe kunsens li jkun necessarju li jippresta skond il-ligi.*

Ghaldaqstant l-attur nomine jissottometti li anke biex tigi evitata litigazzjoni eventwali l-ohra ghandu jigi deciz li r-rivendizzjoni ghandha topera *ope sententiae* salv id-dritt li l-konvenuti jigi rimborzati l-ispejjez legittimi li huma ghamlu biex akkwistaw il-kwota indiviza in kwistjoni.

Ghalhekk l-attur nomine jissottometti li din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-konvenuti, u jitlob ukoll li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-akkoljiment tal-ewwel talba tieghu, tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Il-vertenza ticcentra fuq l-istatut tal-irkupru successorju kif regolat bl-artikolu 912 tal-Kap. 16. Dan id-dispozittiv eccezzjonali, li hu ta' applikazzjoni ristrettissima, jghodd fil-kaz meta wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titlu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werriet. F'dan il-kaz, il-werrieta l-ohra jistghu jinkludi lic-cessjonarju billi jithallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, pju' l-ispejjez li jkun ghamel fic-cessjoni.

7. Il-proprjeta' in kwistjoni kienet tappartjeni lil Giuseppe Dimech u martu Giovanna nee' Schembri. Giovanna Dimech mietet fl-10 ta' Novembru 1923 u n-nofs indiviz taghha ghdda ghand iz-zewg uliedha Cornelia u Salvatore, ahwa Dimech.

Giuseppa Dimech ghadda ghat-tieni zwieg tieghu ma' Josephine Cauchi li minnha kellu tifla wahda, Angela Dimech.

Giuseppe Dimech miet intestat fl-10 ta' Mejju 1939 u l-wirt tieghu, inkluz nofs indiviz tal-imsemmija gardina fil-Mosta, iddevolva favur it-tlett uliedu fuq imsemmija, b'dan li Cornelia u Salvatore kienu jippossjedu 5/12 kull wiehed u wahda minnhom, mentri Angela Dimech kellha 2/12.

Salvatore Dimech miet guvni fl-1980 u wirtitu Angela Dimech, li b'hekk issa kellha 7/12 mill-gardina.

Cornelia, mizzewga lil Joseph Cuschieri, bint Giuseppe Dimech u Giovanna Dimech mietet fl-1979 u wirtuha uliedha, l-attur Thomas u Joan Cuschieri, li allura kellhom nofs indiviz kull wiehed ta' 5/12 tal-istess gardina.

Angela Dimech mietet xebba fil-21 ta' Lulju 1992 u b'testment taghha, in atti tan-Nutar Francis Micallef tal-31 ta' Ottubru 1989, hatret lid-Direttur tad-Dar tal-Provvidenza bhala esekutiv testamentarju u lid-Dar tal-Provvidenza bhala l-eredi taghha.

8. Illi xi zmien qabel mietet jirrizulta li Angela Dimech iffirmat konvenju ghall-bejgh tas-7/12 mill-gardina de quo. Il-kuntratt finali, minhabba xi differenzi kemm kellu jkun dwar il-prezz tal-bejgh, ma sarx maghha ghax fil-frattemp hija lahqet mietet. Il-kuntratt ta' bejgh sar wara fit-30 ta' Ottubru 1996 bejn l-eredi ta' Angela Dimech, cioe' id-Dar tal-Provvidenza u l-konvenuti appellanti.

9. L-ewwel Qorti rriteniet li :-

> "l-gardina in kwistjoni kienet tifforma parti minn assi ereditarju li kienu jikkompartecipaw fih sew l-atturi kif ukoll il-mejta Angela Dimech."

Issa s'hawn l-ewwel Qorti qalet sew imma in segwitu kompliet hekk :-

> "Din Angela Dimech, ftit qabel mewtha obbligat ruhha li tbiegh lill-konvenuti sehemha mill-istess gardina. Ghalhekk ghalkemm it-

> trasferiment sar mill-eredi ossia beneficcjarji tal-wirt taghha, dawn kienu qeghdin biss jaghtu effett ghall-obbligazzjoni originali ta' wahda, mill-ko-eredi tal-mejta Giuseppe Dimech u Giovanna Schembri."

Issa ghalkemm fit-teorija l-permess jista' jkun sa certu punt korrett pero' fil-prattika jibqa' l-fatt li l-bejgh u trasferiment tal-gardina ma sarx aktar bejn il-ko-eredi ta' Giuseppe Dimech u Giovanna Schembri imma sar bejn l-eredi tal-mejta Angela Dimech (jigifieri d-Dar tal-Provvidenza kif rapprezentata) u l-konvenuti appellanti. Dina l-izvolta hija krucjali ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza.

10. Illi ghalhekk meta l-ewwel Qorti affermat li "l-irkupru li qed jigi ezercitat (mill-atturi) ma jikkoncernax l-eredita' ta' Angela Dimech izda l-wirt tal-mejtin konjugi Dimech" huwa konsegwentement zbaljat.

Illi l-prova li d-Dar tal-Provvidenza kienet l-eredi ta' Angela Dimech tohrog mit-testment li Angela Dimech ghamlet fil-31 ta' Ottubru 1989 in atti tan-Nutar Francis Micallef. Dwar dan m'hemm ebda kontestazzjoni u lanqas li Angela Dimech mietet qabel ma sar il-kuntratt finali.

Illi t-trasferiment tal-porzjoni ta' 7/12 mill-gardina de quo mill-eredi ta' Angela Dimech lill-appellanti konvenuti sehh fit-30 ta' Ottubru 1996 fl-atti tal-istess Nutar Micallef. F'dan l-att jirrizulta li gew trasferiti biss drittijiet immobiljari u mhux porzjoni ta' eredita', kif zbaljatament premess jew pretiz mill-atturi u kif skorrettement allura rriteniet l-ewwel

Qorti. Li kieku rrizulta li l-atturi appellati kienu ko-eredi ta' Angela Dimech flimkien mad-Dar tal-Provvidenza, allura evidentement il-posizzjoni emergenti kienet tkun wahda differenti.

Illi l-att tat-30 ta' Ottubru 1996 – ara Dok B fol 9 – 12 tal-process – ma jhalli l-ebda dubbju li hawn si trattava ta' bejgh, min-naha tad-Dar tal-Provvidenza lill-appellanti konvenuti, u li l-entita' venditrici kinet "l-unika beneficcjarja tal-assi ereditarju" tal-mejta Angela Dimech u mhux tal-konjugi Giuseppe Dimech u Giovanna Schembri. Illi minn dan kollu jsegwi, kif allura korrettement sostnew l-appellanti konvenuti fir-rikors t'appell taghhom li in realta' dak li l-partijiet kontraenti kienu qeghdin jikkontemplaw semplici vendita' ta' sehem indiviz ta' proprjeta' determinata u specifika. Minn imkien ma jirrizulta li l-konvenuti jew kwalsiasi haddiehor seta' kien taht l-impressjoni li l-konvenuti kienu qeghdin jakkwistaw xi kwota ereditarja, intiza din bhala porzjoni ta' unika attiva u passiva li tikkomponi l-eredita' tal-mejta Angela Dimech.

Illi lanqas ma kien ghal kollox korrett l-attur nomine appellat meta xehed li Giuseppe Dimech halla biss din il-gardina bhala assi billi mill-att ta' denunzja pprezentat mar-rikors ta' appell jirrizultaw li kien hemm xi ftit flus ukoll. Veru li din id-denunzja giet ipprezenata fi stadju ta' appell u hemm talba biex tigi sfilzata mill-appellat, izda ghandu jinghad li tali prova proprjament ma kienitx tispetta lill-konvenuti u li meta l-attur nomine pprova jressaqha tramite d-Dipartiment tas-Successjoni huwa

sab ostakolu mid-Dipartiment u li finalment dak li xehed l-attur nomine ma kienx korrett. Fic-cirkustanzi ghalhekk, tali dokument ma ghandux u ma kellhux jigi sfilzat.

11. Illi dwar l-eccezzjoni preliminari da parti tal-atturi appellati kif esposta fit-twegiba taghhom ghar-rikors ta' appell fis-sens li l-appell tal-konvenuti "hu null ghaliex ma jindikax x'inhija t-talba ai termini tal-artikolu 143 tal-Kodici tal-Proceduri"; din il-Qorti hija tal-fehma li tali eccezzjoni hija wahda bla bazi legali ghar-raguni li dak li talbu l-appellanti, jigifieri r-revoka tas-sentenza appellanti, jinghad esplicitament fit-talba taghhom u konsegwentement, it-talba taghhom hija wahda sufficjentement cara u ma hemm ebda kaz ta' nullita'.

12. Illi fl-ahharnett, dwar l-appell incidentali intavolat mill-atturi appellati, jinghad li stante din il-Qorti sejra tilqa' l-appell tal-konvenuti bir-revoka tas-sentenza appellata, kwindi jfisser li dak li qed jintalab fl-appell incidentali ma jista' qatt jintlaqa' ghar-raguni li t-tieni u t-tielet talbiet attrici kienu jiddependu, ghax ta' natura konsegwenzjali u/jew ancillari, fuq ezitu favorevoli ta' l-ewwel talba attrici. Billi dan mhux il-kaz, allura l-appell incidentali dwar dawn iz-zewg talbiet qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenuti appellanti kif minnhom dedott, tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fid-9 ta' Lulju 1999, tichad fl-ahharnett l-appell incidentali ta' l-attur nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat.

Dep/Reg

mg